**STQARRIJA MINISTERJALI MILL-PRIM MINISTRU, L-ONOR. JOSEPH MUSCAT, MAGĦMULA F'SEDUTA 147 TAT-23 TA' OTTUBRU 2018 DWAR L-AĦĦAR KUNSILL EWROPEW U L-LAQGĦA BEJN PAJJIŻI EWROPEJ U ASJATIĊI**

Sur President,

Xtaqt nirrapporta lil din il-Kamra l-ħidma li saret waqt il-Kunsill Ewropew u l-Laqgħa bejn pajjiżi Ewropej u Asjatiċi, li saru fi Brussell bejn nhar l-Erbgħa, 17 ta' Ottubru, u l-Ġimgħa, 19 ta' Ottubru 2018.

Il-Kunsill Ewropew kellu fuq l-aġenda tiegħu l-kwistjoni tal-Immigrazzjoni, is-Sigurtà Interna, ir-relazzjonijiet esteri u Brexit.

Dwar Brexit, li ħadet l-ewwel sessjoni tal-istess Kunsill Ewropew tal-Mexxeja, jidher ċar li għad m'hemmx konklużjonijiet minkejja li ż-żmien meta r-Renju Unit toħroġ uffiċjalment mill-Unjoni Ewropea jinsab qrib.

Filwaqt li wieħed għadu jrid jara dwar is-*summit* ta' Novembru, jekk dan hux se jsir jew le, dwar dan ma rridx li nispekula, li nista' ngħid huwa dak li jidher b'mod ċar, li għadna ma wasalniex u l-ikbar impediment għall-qbil hija l-aktar il-kwistjoni tal-Irlanda u l-assikurazzjonijiet meħtieġa u marbuta magħha.

Il-'Good Friday Agreement' li sar bejn ir-Renju Unit, li l-Irlanda ta' Fuq tagħmel parti minnu, u r-Republika Irlandiża, neħħa l-fruntieri li jeżistu bejn iż-żewġ stati u dan qed iwassal għal ħafna diskussjonijiet dwar x'għandu jsir hekk kif il-kwistjoni mhux sempliċiment waħda ta' fruntiera linja dritta li tista' taqbad u tagħlaq, iżda sitwazzjoni fejn hemm għexirien ta' toroq li prattikament jaqsmu l-fruntiera min-naħa għall-oħra, hekk kif il-ftehim ta l-faċilità ta' moviment liberu bejn iż-żewġ pajjiżi u anke li magħhom jistgħu jġorru prodotti liberament.

Ovvjament hemm ukoll il-kwistjoni tas-sigurtà li qed iġġiegħel in-negożjatur ewlieni tal-Unjoni Ewropea jitlob għal aktar żmien sabiex iż-żewġ partijiet jaslu.

Dwar l-Immigrazzjoni l-Kunsill Ewropew għamel analiżi tal-konklużjonijiet tal-istess Kunsill f'Ġunju li għadda, u filwaqt li nnota li l-livell ta' qsim għall-Ewropa naqas b'95% minn Ottubru 2015, xorta waħda għad fadal ħafna xogħol xi jsir.

Ġie deċiż ukoll li titwaqqaf *task force* bl-appoġġ tal-istess Kunsill u l-Kummissjoni biex flimkien mal-Europol sa Diċembru li ġej, ikunu ppreżentati sett ta' mizuri msejsa sabiex jindirizzaw il-problema tat-traffikar tal-umani partikolarment billi jkunu qed janalizzaw mill-qrib il-komunikazzjoni tal-istess gruppi anke *online*.

F'dik li hija sigurtà interna, l-Unjoni Ewropea se tkompli taħdem sabiex tissokta l-ġlieda kontra perikli kontra s-sigurtà taċ-ċittadini Ewropej minn mezzi bħal dawk *cyber*, armi kimiċi, bijoloġiċi jew saħanistra nukleari.

L-Unjoni Ewropea se tkun qed taħdem ukoll sabiex tipproteġġi l-valuri demokratiċi Ewropej anke b'rabta mal-elezzjonijiet Ewropej billi fost l-oħrajn tiġġieled il-problema tal-miżinformazzjoni.

Fl-aħħar nett irid insemmi wkoll il-laqgħa bejn il-pajjiżi Ewropej u dawk ġejjin mill-Asja, l-ASEM 12.

Dan huwa forum interessanti ħafna għalina fejn għandna pajjiżi li magħhom għandna relazzjonijiet ta' kummerċ fondi, pajjiżi bħal Singapore, iċ-Ċina u l-Ġappun.

Il-punt li għamilna huwa li Malta tista' toffri dik l-opportunità lil dawn il-pajjiżi u bosta pajjiżi oħra, kemm Ewropej, kif ukoll Asjatiċi biex inħarsu lejn il-futur. Semmejna fost l-oħrajn il-qasam tal-*blockchain* li pajjiżna qed jirreloga, u f'dan il-qasam qed niġbdu l-attenzjoni.

Fil-fatt tkellimt dwar kif delegazzjoni mill-Ġappun se tkun Malta biex tara l-progress fil-qasam tal-*blockchain* u nesploraw possibilitajiet ta' aktar koperazzjoni.

Dan huwa forum importanti ħafna għal pajjiżna li jkompli jgħinna nkabbru l-profil tagħna. Persważ li minn dawn il-laqgħat inkomplu nibnu fuq bażi soda ħafna li jwassal għal aktar opportunitajiet għall-pajjiżna.